31988D0647

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tal-21 ta' Diċembru 1988
dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' l-Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija dwar l-importazzjoni għal ġol-Komunità ta' insalati tal-frott preservat li joriġinaw fl-Alġerija

(88/647/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija [1] ġie iffirmat fis-26 ta' April 1976 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1978;

Billi l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' l-Ittri bejn il-Komunità Ewropea Ekonomika u r-Rebubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija dwar l-importazzjoni għal ġol-Komunità ta' insalati tal-frott preservat li joriġinaw fl-Alġerija għandu jiġi approvat,

IDDEĊIDIET DAN LI GEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' l-Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Rebubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija dwar l-importazzjoni għal ġol-Komunità ta' insalati tal-frott preservat li joriġinaw fl-Alġerija hu b'dan approvat f' isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtoriżżat illi jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex torbot lill-Komunità.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1988.

Għall-Kunsill

Il-President

V. PAPANDREOU

[1] ĠU L 263, tas-27.9.1978, p. 2.